# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1244/2011/1 SM**

**Tonio Cachia u martu Maria Aleksandrovna Cachia u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2021 l-Av. Dr Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil ġew nominati Kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Tonio Cachia u martu Maria Aleksandrovna**

**v.**

**Lloyd's Malta Ltd (C-24284) fil-kwalita` tagħha ta' rappreżentanza *ex lege* u għalhekk għan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratriċi ossija sindikati 2987, 2121, 510, 1183 5000**

**PRELIMINARI**

1. L-atturi għamlu din il-kawża sabiex is-soċjeta` konvenuta *nomine,* abbażi ta' polza ta' assikurazzjoni, tiġi ordnata tħallashom is-somma ta'

€14,722, rappreżentanti valur ta' ċurkett tad-djamanti u pelliċċja li allegatament insterqu waqt li l-istess atturi kienu qed jivvjaġġjaw f'Stavropol, ir-Russja. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi. Minn tali deċiżjoni s-soċjeta` konvenuta *nomine* intavolat l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti,

"1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew ssegwenti:

1.1. Illi fil-31 ta' Dicembru, 2006, kienu vittmi ta' serq minn skonoxxuti waqt li kienu r-Russja;

1.2. Illi meta r-rikorrenti de quo kienu fl-imsemmi pajjiz insterqitilhom il-bagalja tas-safar li fiha kien hemm numru t'oggetti valutati fl-ammont komplessiv ta' erbatax il-elf, seba` mija u tnejn u ghoxrin Ewro, (€14,722.00) u fosthom kien hemm:

1.2.1. Pelliccja;

1.2.2. Curkett bid-djamanti;

1.3. Illi dan is-serq gie debitament denuncjat lill-Pulizija fi Stavropol, ir-Russja, (ara foll 5);

1.4. Illi fil-mument tas-serqa in dizamina r-rikorrenti kienu koperti b'polza ta' l-assikurazzjoni tad-dar li kienet testendi wkoll ghal telf inkors bhala konsegwenza ta' serq barra minn Malta;

1.5. Illi wara li intavolaw talba formali lis-socjeta` intimata din indennizzat lir-rikorrenti ghall-oggetti kollha li kienu fil-bagalja li kienet misruqa – bl-eccezzjoni taz-zewg (2) oggetti specifikatament indikati aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn punt wiehed, (1.2.1.), u paragrafu numru wiehed punt tnejn punt tnejn, (1.2.2.), aktar qabel);

1.6. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex tindennizza lir-rikorrenti a bazi tal-polza assikurattiva, is-socjeta` intimata

baqghet tirrifjuta;

1.7. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex is-socjeta` intimata *nomine* jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi obbligata tindennizza lir-rikorrenti a bazi tal-polza ta' lassikurazzjoni de quo;

1.7.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva t'erbatax il-elf, 3 seba` mija u tnejn u ghoxrin Ewro, (€14,722.00), rapprezentanti l-valur tac-curkett tad-djamanti u tal-pelliccja li kienu gew misruqin lir-rikorrenti minn terzi injoti waqt li l-istess rikorrenti kienu r-Russja fil-31 ta' Dicembru, 2006;

*1.7.3.* Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont illigi kontra s-socjeta` intimata *nomine;*

"2. Rat ir-risposta guramentata datata z-19 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata *nomine* sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti hi nulla, irritwali u bla effett;

2.2. Illi l-azzjoni in dizamina hi msejsa fuq il-bazi ta' l-assikurazzjoni in dizamina fejn l-assikurat hu rrikorrenti Tonio Cachia wahdu;

2.3. Illi l-polza in dizamina hi limitata geografikament stante li testendi biss ghall-Ewropa mentri l-post fejn allegatament sehh l-allegat serq Stavropol, jifforma parti mir-regjun ta' Stavropol Krai fil-Kawkasu tat-Tramuntana, konfinanti mac-Cecenja, u jifforma parti mill-Asja;

2.4. Illi ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti hi eskluza skont l-istess polza;

2.5. Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma s-sidien ta' l-oggetti involuti fit-talba taghhom ghal risarciment;

2.6. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti mhix kredibbli, u dan stante:

2.6.1. Illi l-polza ta' l-assikurazzjoni nharget disat (9) ijiem biss qabel l-allegat akkadut;

2.6.2. Illi l-oggetti in dizamina li setghu facilment

intlibbsu thallew fil-bagalja;

2.6.3. Illi r-rikorrenti kienu qed jivvjaggaw f'regjun meqjus perikoluz b'valiggi li kien fihom oggetti b'valur komplessiv esagerat;

2.6.4. Illi hemm diskrepanzi fil-verzjonijiet moghtija mir-rikorrenti;

2.7. Illi anke kieku l-allegat akkadut sehh, dan kien rizultat ta' negligenza u nuqqas ta' kura tar-rikorrenti Tonio Cachia bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva de quo;

2.8. Illi fi kwalunkwe kaz, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma eccessivi;

2.9. Salv risposti ulterjuri;

“3. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-partijiet jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 120);

“4. Semghet ix-xhieda prodotta;

“5. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

“6. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, (ara foll 124);

“7. Tirrileva li z-zewg partijiet naqqsu jottemporaw ruhhom mad-digriet datat il-5 ta' Marzu, 2015, (ara paragrafu numru tlieta, (3), aktar qabel);

“Ikkunsidrat:

“8. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi l-konjugi rikorrenti kienu qed izuru l-membri tal-familja t'origini tar-rikorrenti Aleksandrovna Cachia fil-perjodu Natalizju ta' l-2006, (ara foll 85 u 111);

8.2. Illi ghal din l-okkazjoni l-istess rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti infurmat lil zewgha li xtaqet ittellgha maghha curkett tad-djamanti u pelliccja taz-zibellin, (ara foll 85);

8.3. Illi din xtaqet taghmel hekk biex filwaqt li tirrispetta t-tradizzjoni Russa li tindossa l-aqwa lbies ghall-okkazjoni: (ara foll 85)

8.3.1. Turi l-istess oggetti lill-genituri taghha;

8.3.2. Tilbishom ghac-celebrazzjonijiet Natalizji Ortodossi bhal ma kienet taghmel f'kull okkazjoni simili, (ara foll 98);

8.4. Illi ghall-vjagg de quo, ir-rikorrenti Cachia kien diga` ghamel assikurazzjoni ta' l-ivvjaggjar, (ara foll 35);

8.5. Illi appena sar jaf bil-hsiebijiet ta' martu, r-rikorrenti kkuntattja lill-medjatur assikurattiv biex iserrah rasu li l-oggetti prezzjuzi in dizamina kienu debitament koperti, (ara foll 85);

8.6. Illi in risposta r-rikorrenti kien informat li kellu il-bzonn li jaghmel polza asskurattiva tad-dar biex l-istess oggetti jkunu koperti tahtha, (ara foll 85, 98, 106 u 111);

8.7. Illi di piu`, tenut kont tal-finalita` tal-vjagg - ir-Russja – allura l-istess medjatur assikurattiv spjega lir-rikorrenti de quo li kien hemm il-htiega li l-polza assikurattiva tigi estiza ghall-pajjizi Ewropei, (ara foll 85);

8.8. Illi stante li r-rikorrenti sa dak iz-zmien ma kellux polza assikurattiva tad-dar, kien hekk istruwit johrog din it-tip ta' polza ghall-istess skop fuq indikat biex b'hekk, jassigura ruhu li z-zewg oggetti prezzjuzi in dizamina, ikunu debitament assikurati, (ara fol 85);

8.9. Illi in effetti, r-rikorrenti jafferma li dan kien l-uniku skop li ghalih hareg l-assikurazzjoni de quo, (ara foll 85);

8.10. Illi di piu`, ir-rikorrenti jsostni wkoll li kellu jaghmel hekk fi zmien verament qasir, (ara foll 85);

8.11. Illi biex tinhareg l-polza in dizamina r-rikorrenti forna lill-medjatur assikurattiv tieghu bid-dokumentazzjoni kollha valutattiva, inkluz dokumenti bankarji u kummercjali, li dan xtaq li jkollu fir-rigward, (ara foll 85, 88 u 99);

8.12. Illi in effetti r-rikorrenti assikura ghalhekk s-segwenti: (ara foll 85)

8.12.1. Pelliccja taz-zebellin twila disgha u erbghin, (49), pulzier;

8.12.2. Pelliccja tosata tal-*vison;*

8.12.3. Curkett tad-djamanti tal-karat u nofs, (1.5.), tal-qata` tat-tip *Princess;*

8.13. Illi l-bagalja fejn kienu jinstabu l-imsemmija oggetti giet misruqa hdejn l-istazzjon ta' Stavropol, (ara foll 5 u 6);

8.14. Illi dawn l-oggetti ma kienux milbusa ghaliex fir-Russja mhux ghaqli li wiehed jigbed l-attenzjoni fuqu, (ara foll 86);

8.15. Illi r-rikorrenti ghamlu rapport lill-Pulizija ta' Stavropol fuq l-akkadut, (ara foll 5);

8.16. Illi rizultat tas-sinistru in dizamina, r-rikorrenti intavolaw talba ghall-hlas ta' l-oggetti lilhom hekk misruqa lis-socjeta` assikuratrici taghhom, (ara foll 86);

8.17. Illi s-socjeta` assikuratrici saldat l-oggetti koperti bl-assikurazzjoni ta' l-ivjaggar, pero` fir-rigward ta' l-oggetti prezzjuzi fuq riferiti, l-medjatur assikurattiv informah li s-socjeta` assikuratrici riedet titkellem mar-rikorrenti, (ara foll 86);

8.18. Illi l-istess socjeta` assikurattiva insistiet mar-rikorrenti li riedet minghandu ricevuti tal-VAT u tad-Dwana fir-rigward ta' l-oggetti prezzjuzi in dizamina, (ara foll 86);

8.19. Illi bil-ko-operazzjoni t'ufficcjal tad-Dwana nstabu xi ricevuti relattivi izda mhux kollox, (ara foll 87);

8.20. Illi nonostante li qabel ma inharget il-polza assikurattiva de quo dawn id-dokumenti ma ntalbux, issa l-istess socjeta` intimata baqghet ostinatament tinsisti fir-rigward u ghalhekk irrifjutat teffettwa l-pagament pattwit, (ara foll 87);

8.21. Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti baqghu ma thallsux u ghalhekk kellha tigi intavolata din il-procedura;

"Ikkunsidrat:

"9. Illi s-socjeta` intimata sintetikament tissolleva is-segwenti eccezzjonijiet:

9.1. Illi l-assikurat hu biss ir-rikorrenti Cachia;

9.2. Illi l-polza hi limitata ghall-Ewropa;

9.3. Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma s-sidien tal-oggetti li taghhom qed jirreklamaw ir-rifuzjoni;

9.4. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti mhix kredibbli;

9.5. Illi l-akkadut sehh minhabba negligenza tar-rikorrenti;

9.6. Illi l-pretensjoni ta' l-istess rikorrenti hi eccessiva;

"Ikkunsidrat:

"10. Illi fir-rigward jinghad komplessivament izda sintetikament issegwenti:

10.1. Illi l-oggetti in dizamina kienu inxtraw mir-rikorrenti fiz-zwieg, stante li r-rikorrenti jafferma li dawn kienu *"...rigal ghall-mara tieghu ...",* (ara foll 87);

10.2. Illi ghalhekk, a bazi tal-komunjoni, din ir-risposta tas-socjeta` intimata qed tigi respinta;

10.3. Illi rigward l-atitudni paternalisitka tas-socjeta` intimata li tirrifjuta li tonora l-obbligi taghha naxxenti mill-polza de quo ghaliex ir-Russja mhix fl-Ewropa, hi affermazzjoni azzardata li ma tixraqx lis-socjeta` prestigjuza intimata;

10.4. Illi minghajr ma jinhela hin u spazju f'diskwisizzjoni storiko-politika fir-rigward, ir-Russja, ghalkemm ovvjament ghandha partijiet estensivi f'arei ohra geografici hi komunement meqjusa Ewropea tenut kont ta' l-evoluzzjoni storika taghha u llum hi wkoll membru effettiv tal-Kunsill tal-Ewropa;

10.5. Illi ghalhekk, din ir-risposta tas-socjeta` intimata qed tigi respinta;

10.6. Illi rigward il-prova li r-rikorrenti huma s-sidien ta' loggetti in dizamina jinghad li din ilha kwistjoni pacifika minn ferm qabel ma qamet il-vertenza in dizamina stante li l-assikurazzjoni de quo thallset il-flus minnha mitluba lir-rikorrenti biex tassikurah ghall-vjagg de quo, u dan, wara li nghatat id-dokumenti kollha li sa dak iz-zmien kienet talbitu;

10.7. Illi ghalhekk, din ir-risposta tas-socjeta` intimata qed tigi respinta;

10.8. Illi rigward il-kredibilita` o meno tal-pretensjoni tar-rikorrenti jinghad sintetikament li r-rikorrenti dejjem ikkollaboraw mas-socjeta` rikorrenti u mal-medjatur taghha li mieghu ttrattaw ghaliex qabel ma' nhargu l-poloz assikurattivi de quo dejjem fornew lill-istess bid-dokumentazzjoni

minnhom rikjesta;

10.9. lli kien biss wara t-talba tar-rikorrenti li l-istess bdew jitolbu dokumentazzjoni li qabel ma hargu l-poloz de quo lanqas biss ikkunsidraw;

10.10. Illi ghalhekk mhux accettabbli li jbiddlu r-regolamenti f'nofs loghba, u konsegwentement, anke din ir-risposta qed tigi respinta;

10.11. Illi rigward in-negligenza tar-rikorrenti, ghalkemm allegata mis-socjeta` intimata, din ma resqet l-ebda prova fir-rigward;

10.12. Illi ghalhekk, anke din ir-risposta, stante li mhix pruvata, qed tigi respinta;

10.13. Illi fir-rigward l-eccessivita` tat-talbiet tar-rikorrenti jinghad sintetikament li l-ammont rikjesti huma assodati b'valutazzjoni u b'kuntratt, u li in ogni modo, l-allegazzjoni ma gietx sostenuta minn provi kif ghandu debitament ikun skont il-ligi;

10.14. Illi ghalhekk, anke din ir-risposta qed tigi respinta;

"Ikkunsidrat:

"11. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u ghalhekk, filwaqt li hi sodisfatta bil-provi mresqin fir-rigward mir-rikorrenti *nomine:*

"DECIDE:

11.1.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata *nomine* hi obbligata tindennizza lir-rikorrenti a bazi tal- polza ta' l-assikurazzjoni de quo;

11.1.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata *nomine* thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva t'erbatax il-elf, seba` mija u tnejn u ghoxrin Ewro, (€14,722.00), rapprezentanti l-valur tac-curkett tad-djamanti u tal-pelliccja li kienu gew misruqin lir- rikorrenti minn terzi injoti waqt li l-istess rikorrenti kienu r-Russja fil-31 ta' Dicembru, 2006;

11.1.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-introduzzjoni tar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti, l-15 ta' Dicembru, 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament.

**RIKORS TAL-APPELL tas-soċjeta` konvenuta (25.11.2015):**

3. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk permezz ta' dan l-appell talbet lil din il-Qorti biex f'każ li l-ewwel aggravju jiġi akkolt, tannulla s-sentenza u tirrinvija l-atti lura mill-ġdid lill-ewwel Qorti; u f'każ li l-ewwel aggravju ma jiġix akkolt, tirrevoka s-sentenza u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom.

4. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta huma s-segwenti:

(i) Fl-ewwel aggravju tagħhom isostnu li s-sentenza hija affetta b'nullita` għaliex l-ewwel Qorti injorat għal kollox u kompletament l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, tant li ma saret l-ebda referenza għalihom la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-deċiżjoni. Jispjegaw li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari jirrigwardaw l-illeġittimita` tal-persuna mħarrka stante li ġie eċċepit li l-azzjoni ma ġietx proposta kontra min kellha tiġi proposta.

(ii) Fit-tieni aggravju tagħhom jilmentaw bil-mod leġġer li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni, cioe` li l-azzjoni hija nulla għaliex proposta mill-konjuġi Cachia meta l-assikurat huwa Tonio Cachia waħdu. Isostnu li l-atturi kellhom

jippruvaw li huma miżżewġin, li żżewġu Malta, u li s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti ma ġietx eskluża. Ikomplu jgħidu li l-eżistenza o meno tal-komunjoni tal-akkwisti mhix importanti għaliex l-azzjoni hija bbażata fuq il-polza ta' assikurazzjoni u allura l-attriċi ma għandha l-ebda interess ġuridiku.

(iii) Jgħidu li "l-aggravji l-oħra" tagħhom jirrigwardaw il-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel valutazzjoni ġusta u korretta tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li kellha quddiemha. Jenfasizzaw li kien hemm wisq kumbinazzjonijiet biex l-istorja tal-atturi tgħaddi mit-test tal-probabbilta`, senjatament:

- l-oġġetti prezzjużi ġew misruqa għaxart ijiem wara li inħarġet il-polza għalihom;

- l-oġġetti prezzjużi kienu kollha f'bagalja waħda minkejja li kienu qed jivvjaġġaw b'ħames bagalji;

- mill-ħames bagalji, il-ħalliel seraq dik li kellha l-oġġetti prezzjużi;

- iċ-ċurkett ħallewh fil-bagalja flok fuq il-persuna tagħhom;

- il-bagalja insterqet minkejja li l-attur qal li fl-ebda ħin ma qala għajnejh minn fuq il-bagalji, jew allontana ruħu, u minkejja li qal li l-bagalji kollha tgħabbew fit-taxi.

Jaċċennaw ukoll għall-fatt li kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li kien ħa l-prekawzjonijiet kollha biex jassigura li l-affarijiet ma jinsterqux.

(iv) Jgħidu li l-"<u>aħħar aggravju</u>" tagħhom jirrigwarda l-limitazzjoni territorjali tal-polza, fis-sens li Stavropol, għalkemm parti mir-Russja, tagħmel parti mill-kontinent tal-Asja.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-atturi appellati (03.02.2016) :</u>**

5. L-atturi sostnew li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Huma wieġbu għall-aggravji tas-soċjeta` konvenuta u spjegaw għaliex huma infondati.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>"L-ewwel aggravju"</u>** - *l-"eċċezzjonijiet" li l-azzjoni ma saritx kontra l-leġittimi kontradittturi*

6. Fl-ewwel lok is-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine* tilmenta li l-

ewwel Qorti ma qisitx l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha rigwardanti l-illeġittimita` tal-persuna tagħha bħala kontradittriċi u li għalhekk is-sentenza hija affetta b'nullita`.

7. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-eċċezzjonijiet mogħtija minnha fir-risposta ġuramentata tagħha tad-19 ta' Jannar 2012 iżda imkien ma jidher li kien hemm xi eċċezzjoni f' dan is-sens.

8. Din il-Qorti ser tirriproduċi *verbatim* il-verżjoni oriġinali tar-risposta ġuramentata tagħha li tinsab fl-atti - cioe` dik ippreżentata mis-soċjeta` konvenuta *nomine* fid-19 ta' Jannar 2012[1]:

> "1. Illi, in linea preliminari l-azzjoni attriċi hija nulla, irritwali u bla ebda effett stante illi din l-azzjoni, illi hija msejsa unikament fuq ikl-bażi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni (Kuntratt Nru 0090035012); Certifikat Nru P1001673) ġiet proposta minn parti – u cioe` l-konjuġi Cachia flimkien – illi effettivament m'hijiex parti għall-imsemmi kuntratt ta' assigurazzjoni stante illi l-assigurat huwa l-attur Tonio Cachia waħdu.
>
> "2. Illi, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni kellha limitazzjoni ġeografika fis-sens illi testendi biss għall-Ewropa mentri l-post fejn seħħ l-allegat akkadut u cioe` l-belt ta' Stavropol formanti parti mir-reġjun ta' Stavropol Krai fil-Kawkasu tat-Tramuntana (konfinanti maċ-Ċeċnija) jifforma parti mill-kontinent tal-Asja u mhux tal-Ewropa u kwindi f' kull każ il-pretenzjonijiet attriċi huma speċifikatament esklużi skont din il-polża.
>
> "3. Illi, preliminarjament ukoll (u dejjem sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost) l-atturi jridu jippruvaw illi

[1] Għalkemm aktar 'il fuq din il-Qorti rriproduċiet is-sentenza appellata kollha (inkluż ir-risposta ġuramentata) l-ewwel Qorti ma rriproduċietx l-eċċezzjonijiet eżatt kif ingħataw fir-risposta ġuramentata, u bil-paragrafi kif ingħataw, u għalhekk għall-preċiżjoni, u għal intendiment aħjar tal-eċċezzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li għandha tindika eżatt l-eċċezzjonijiet *verbatim* u bil-paragrafi skont kif ippreżentati mis-soċjeta` konvenuta.

huma kienu sidien tal-oġġetti illi fir-rigward tagħhom qed issir it-talba għar-riżarċiment u li tali oġġetti kellhom il-valur li għalih ġew assigurati.

“4. Illi, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-pretenzjonijiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi ċ-ċirkostanzi kollha relattivi għal din il-*claim*, meħuda fl-assjem tagħhom (u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża), fuq bilanċ ta’ probabilita` għandhom jirriżultaw illi m’humiex kredibbli u verosimili u m’għandhomx mis-sewwa. Dawn iċ-ċirkostanzi, fost oħrajn, huma s-segwenti – (i) il-polza tal-assigurazzjoni nħarġet disat (9) ijiem biss qabel l-allegat akkadut; (ii) dawn l-oġġetti kollha ta’ valur – u cioe` curkett tad-djamanti u kowt tal-fur illi setgħu faċilment jintlibsu – ma ntlibsux u minflok inkredibilment inġarrew kollha fl-istess bagalja; (iii) fl-istess bagalja ġie allegat illi kien hemm diversi oġġetti oħra li jiswew ħafna flus (li għalihom evidentement l-atturi tħallsu taħt *travel policy* oħra) li l-valur globali tagħhom kważi jilħaq il-valur tal-oġġetti kollha li kienu assigurati taħt il-*home contents insurance policy* tal-attur (u dan meta wieħed iqis illi l-atturi kellhom erba’ bagalji oħra magħhom li, kieku kien fihom oġġetti b’valur identiku, kien ifisser li l-atturi kienu qegħdin jivvjaġġaw f’wieħed mill-iżjed postijiet notorjament perikolużi fid-dinja b’valiġġi li fihom kien ikun hemm oġġetti b’valur komplessiv ta’ ‘l fuq minn mitt elf Ewro!!); (iv) jeżistu diskrepanzi serji fil-verżjonijiet mogħtija sal-lum mill-atturi. Dan oltre argumenti oħra illi sejrin jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

“5. Illi, f’kull każ, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, anke kieku l-akkadut verament seħħ, jirriżulta mill-istess verżjonijiet mogħtija illi l-akkadut ikun seħħ minħabba negliġenza u nuqqas ta’ kura da parti ta’ Tonio Cachia bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni.

“6. Illi, f’kull każ, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-pretenzjonijiet attriċi huma eċċessivi u esaġerati.

“**7. Salv eċċezzjonijiet oħra li din l-Onorabbli Qorti tista’ tippermetti in segwitu għall-eċċezzjonijiet preliminari li qed jiġu hawn sollevati.**”

9. <u>Din il-Qorti issa ser tirriproduċi *verbatim* dak li skont is-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine*, kienet ir-risposta ġuramentata tagħha:</u>

“**Preliminarjament, l-azzjoni hija nulla, irritwali u bla ebda effett stante illi ma ġietx proposta kontra l-persuni illi effettivament huma l-leġittimi kontraditturi skont il-liġi, u cioe` l-azzjonisti kollha tas-sindikati in kwistjoni (magħrufin bħala “*names”*) stante illi s-sindikati fihom infushom m'għandhomx personalita` ġuridika separati u distinta mill-assjem ta' azzjonisti illi huma membri tagħhom.**

“**Illi għaldaqstant is-soċjeta` intimata kif imħarrka f' din l-azzjoni mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.**

“Illi, in linea preliminari **wkoll**, l-azzjoni attriċi hija nulla, irritwali u bla ebda effett stante illi din l-azzjoni, illi hija msejsa unikament fuq il-bażi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni (Kuntratt Nru 0090035012); Certifikat Nru P1001673) ġiet proposta minn parti – u cioe` l-konjuġi Cachia flimkien – illi effettivament m'hijiex parti għall-imsemmi kuntratt ta' assigurazzjoni stante illi l-assigurat huwa l-attur Tonio Cachia waħdu.

“Illi, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni kellha limitazzjoni ġeografika fis-sens illi testendi biss għall-Ewropa mentri l-post fejn seħħ l-allegat akkadut u cioe` l-belt ta' Stavropol formanti parti mir-reġjun ta' Stavropol Krai fil-Kawkasu tat-Tramuntana (konfinanti maċ-Ċeċnija) jifforma parti mill-kontinent tal-Asja u mhux tal-Ewropa u kwindi f' kull każ il-pretenzjonijiet attriċi huma speċifikatament esklużi skont din il-polża.

“Illi, preliminarjament ukoll (u dejjem sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost) l-atturi jridu jippruvaw illi huma kienu sidien tal-oġġetti illi fir-rigward tagħhom qed issir it-talba għar-riżarċiment u li tali oġġetti kellhom il-valur li għalih ġew assigurati.

“Illi, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-pretenzjonijiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi ċ-ċirkostanzi kollha relattivi għal din il-*claim*, meħuda fl-assjem tagħhom (u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża), fuq bilanċ ta' probabilita` għandhom jirriżultaw illi m'humiex kredibbli u verosimili u m'għandhomx mis-sewwa. Dawn iċ-ċirkostanzi, fost oħrajn, huma s-segwenti – (i) il-polza tal-assigurazzjoni nħarġet disat (9) ijiem biss qabel l-allegat akkadut; (ii) dawn l-oġġetti kollha ta' valur – u cioe` curkett tad-djamanti u kowt tal-fur illi setgħu faċilment jintlibsu – ma ntlibsux u minflok inkredibilment inġarrew kollha fl-istess bagalja; (iii) fl-istess bagalja ġie allegat illi kien hemm diversi oġġetti oħra li jiswew ħafna flus (li għalihom evidentement l-atturi tħallsu taħt *travel policy* oħra) li

> l-valur globali tagħhom kważi jilħaq il-valur tal-oġġetti kollha li kienu assigurati taħt il-*home contents insurance policy* tal-attur (u dan meta wieħed iqis illi l-atturi kellhom erba' bagalji oħra magħhom li, kieku kien fihom oġġetti b'valur identiku, kien ifisser li l-atturi kienu qegħdin jivvjaġġaw f' wieħed mill-iżjed postijiet notorjament perikolużi fid-dinja b'valiġġi li fihom kien ikun hemm oġġetti b'valur komplessiv ta' 'l fuq minn mitt elf Ewro!!); (iv) jeżistu diskrepanzi serji fil-verżjonijiet mogħtija sal-lum mill-atturi. Dan oltre argumenti oħra illi sejrin jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.
>
> "Illi, f'kull każ, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, anke kieku l-akkadut verament seħħ, jirriżulta mill-istess verżjonijiet mogħtija illi l-akkadut ikun seħħ minħabba negliġenza u nuqqas ta' kura da parti ta' Tonio Cachia bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni.
>
> "Illi, f'kull każ, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-pretenzjonijiet attriċi huma eċċessivi u esaġerati."

10. Jekk wieħed iqabbel iż-żewġ verżjonijiet jintebaħ li:

- Il-verżjoni oriġinali tar-risposta ġuramentata fiha 7 paragrafi li huma kollha enumerati.

- Il-verżjoni tar-risposta ġuramentata kif ċitata fir-rikors tal-appell fiha 8 paragrafi li mhumiex enumerati.

- Fil-verżjoni oriġinali tar-risposta ġuramentata, <u>il-kontenut tal-aħħar paragrafu nru 7</u> (li din il-Qorti enfasizzat bl-iswed) - ma jinstabx fil-verżjoni tar-risposta ġuramentata kif ċitata fir-rikors tal-appell;

- Fil-verżjoni tar-risposta ġuramentata kif ċitata fir-rikors tal-appell, il-kontenut tal-ewwel żewġ paragrafi, u l-kelma "ukoll" fit-tielet paragrafu (li din il-Qorti enfasizzat bl-iswed) ma jinstabux fil-verżjoni oriġinali tar-risposta ġuramentata.

11. Dan kollu jfisser li r-risposta ġuramentata kif ċitata fir-rikors tal-appell mhix verżjoni fidila għal dik il-verżjoni oriġinali li tinsab fl-atti. Ifisser ukoll li effettivament is-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine* ma ressqet l-ebda eċċezzjoni/jiet fis-sens li hija mhix il-leġittima kontradittriċi. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa kompletament bla bażi. Ma tistax is-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine* tilmenta li l-ewwel Qorti injorat eċċezzjoni li hija qatt ma sollevat quddiemha!

**"It-tieni aggravju"** - *l-interess ġuridiku o meno tal-attriċi*

12. It-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine* jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tagħha, ċioe` li l-azzjoni hija nulla għaliex għalkemm il-polza ta' assigurazzjoni inħarġet fuq l-attur Tonio Cachia biss, il-kawza ġiet proposta mill-konjuġi Cachia flimkien[2]. Hija ħassitha aggravata bil-mod "leġġer" li bih l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni, cioe` wara li qieset li l-attur xehed li l-oġġetti nxtraw fiż-żwieġ, u meħud

[2] Jiġi ppreċiżat li għalkemm f'dan it-tieni aggravju tagħha tirreferi għal din l-eċċezzjoni bħala t-**tielet** eċċezzjoni, din fil-fatt kienet l-**ewwel** eċċezzjoni, stante li kif ġie spjegat fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-aggravju preċedenti, l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet allegatament sollevati mis-soċjeta` konvenuta *nomine* dwar l-illeġittimita` tagħha bħala kontradittriċi f'din il-kawża qatt ma dehru fir-risposta ġuramentata oriġinali.

kont tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Cachia.

13. Fl-aggravju tagħha targumenta li l-atturi kellhom jippruvaw li kienu effettivament miżżewġin, li żżewġu Malta, u li reġim tal-komunjoni tal-akkwisti ma ġiex eskluż bejniethom - għalkemm fl-istess nifs tgħid li l-eżistenza o meno tal-komunjoni tal-akkwisti hija irrilevanti ladarba l-azzjoni hi bbażata fuq il-polza ta' assigurazzjoni li inħarġet fuq l-attur biss.

14. Li l-atturi huma miżżewġin jirriżulta kemm mix-xiehda tal-attur u anke mir-rapport tal-pulizija li sar f'Stavropol fejn l-attriċi identifikat lilha nnifisha bħala "Cachia Maria Aleksandrova" u tirreferi għall-attur bħala żewġha:

> *"On 31.12.2006 at 7.30am, me and my husband Anthony Cachia, born in 1967, arrived in the passenger train…."*

15. Li l-atturi żżewġu Malta jirriżulta wkoll mis-segwenti xiehda tal-attur[3]:

> "*L-ewwel li mort ir-Russja kien f'Marzu 2005. Meta ġara l-inċident mertu ta' din il-kawża kien it-tieni (2) darba li mort ir-Russja. Iċ-ċurkett tad-djamanti li qed nirreferi għalih f' din il-kawża kont xtrajtu f' Settembru 2006[4]. Il-coat tal-fur, bejn wieħed u ieħor, kont xtrajtu fl-istess żmien, f'Mejju 2006[5]. Il-coat l-ieħor ukoll. Dan xtrajthom fl-ewwel ftit xhur taż-żwieġ tiegħi u ta' marti."*

[3] Xiehda tat-28.05.2014, fol. 111 et seq

[4] Fil-fatt mid-dokument bankarju BOV) a fol 103 jirriżulta li f'**Settembru 2006** sar pagament ta' $3959.50 mill-kont tal-attur lil H Chandra Diamonds go New York;

[5] Fil-fatt mir-riċevuta tal-paypal a fol 102 jidher li f'**Marzu 2006** sar pagament ta' $3,961.49 - fuq dan id-dokument hemm indikat "$*3,961 USD payment for 49"L Russian Barguzin Sable Coat*"

Ladarba l-attur qed jirreferi għal Marzu-Settembru 2006 bħala *"l-ewwel ftit xhur"* taż-żwieġ tiegħu ma' martu, u ladarba l-ewwel mawra tiegħu fir-Russja kienet f'Marzu 2005 allura ma jidhirx li ż-żwieġ sar ir-Russja għaliex mill-ewwel mawra tiegħu ir-Russja sa meta xtralha l-kowt tal-fur kienet għaddiet sena sħiħa u mhux *"ftit xhur*". Jidher għalhekk li żżewġu Malta bejn l-ewwel u t-tieni mawra tiegħu fir-Russja. Fi kwalunkwe każ anke kieku żżewġu r-Russja, ladarba huma ġew joqogħdu Malta tapplika l-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward tal-beni li ġew akkwistati f'Malta, kif jidher li hu l-każ.

16. Ta' rilevanza huma s-segwenti provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili:

"<u>L-Artikolu 1316:</u>

*"(1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.*

*"(2) Iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.*

"<u>L-Artikolu 1321</u>

*"(1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra.*

*"(2) Iżda ma jidħlux fl-akkwisti l-beni li messew b'xi titolu lil waħda mill-partijiet miżżewġa qabel iż-żwieġ, minkejja li l-beni setgħu ġew għand dik il-parti biss wara ż-żwieġ."*

17. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti jidhrilha li minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni kienet inħarġet fuq isem l-attur biss, ġialadarba l-kawża tirrigwarda beni li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ma jistax

jingħad li l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku fil-kawża.

18. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju jirriżulta wkoll infondat.

**<u>"L-aħħar aggravju"</u>** - *ir-Russja u l-Ewropa*

19. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li tqis dak li s-soċjeta` konvenuta appellanti *nomine* ssejjaħlu "*l-aħħar aggravju*" qabel dak li ssejħilhom "l-*aggravji l-oħra*". Dan l-aggravju jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-post fejn allegatament insterqu l-oġġetti (Stavropol fir-Russja) kienx fl-Ewropa jew fl-Asja.

20. Jiġi spjegat li meta l-atturi kienu ser imorru r-Russja f'Diċembru 2006 għall-perjodu natalizju, irriżulta li l-polza ta' assigurazzjoni tal-ivvjaġġar (*travel insurance policy*) li kien ħareġ l-attur ma kinitx ser tkun biżżejjed biex tkopri l-valur tal-oġġetti li kienu ser isiefru bihom, fosthom il-pelliċċja u ċ-ċurkett tad-djamanti mertu tal-kawża. Kien għalhekk li ngħata l-parir li joħroġ polza ta' assigurazzjoni għad-dar (*household insurance policy*) peress li din tkopri wkoll effetti personali. Meta ħareġ tali polza huwa ħallas ukoll "*Additional Premium*" fl-ammont ta' Lm31.60 sabiex għall-perjodu bejn it-22 ta' Diċembru 2006 u l-14 ta' Jannar 2007 l-effetti personali jkunu koperti wkoll fl-Ewropa:

> *<u>"SECTION 3 – PERSONAL POSSESSIONS"</u>*
>
> "*In consideration of the Assured paying the Additional Premium hereinstated, it is hereby declared and agreed that the Geographical Area as specified under the Schedule of this*

*Certificate in respect of Item Nos. 1 & 3 is deemed to extend to European Countries for the period from 22nd December 2006 up to 14th January 2007.*

"*Furthermore it is noted and agreed that the following limitations are deemed to be included under this Extension:*

*(a) Excluding losses from unattended vehicles and Hotel/Motel Rooms.*

*(b) This insurance exludes loss of or damage to the insured interest unless in the close personal custody and/or sight of the Assured and/or his representative at all times other than whilst deposited in a Bank safe and/or vault and/or Hotel/Motel safe and/or whilst in the custody of Customs.*

"*Subject otherwise to the Certificate terms, conditions, limitations and exceptions."*

21. Is-soċjeta` konvenuta *nomine* fit-tieni eċċezzjoni tagħha argumentat li l-post fejn seħħ l-akkadut in kwistjoni, Stavropol, għalkemm fir-Russja jinsab fil-parti tal-Asja u mhux tal-Ewropa u li allura l-akkadut mhux kopert bil-*household insurance policy*. Hija ħassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti invece irriteniet li r-Russja hija komunement meqjusa Ewropea tenut kont tal-evoluzzjoni storika tagħha u tal-fatt li llum hi ukoll membru effettiv tal-Kunsill tal-Ewropa.

22. Din il-Qorti tosserva li l-*Additional Premium* fuq imsemmija fil-fatt tħallset biex il-polza tiġi estiża għal "*European Countries*", cioe` **pajjiżi** Ewropej – mhux **żoni** Ewropej. Għalhekk huwa rrilevanti jekk partijiet minn pajjiż Ewropew jinsabux fil-kontinent Ewropew jew le. Hekk per eżempju il-gżejjer Kanarji (li jagħmlu parti minn Spanja, pajjiż Ewropew) jinsabu geografikament fl-Afrika, iżda dan il-fatt ma jfissirx li allura huma

pajjiż Afrikan.

23. In oltre, is-soċjeta` konvenuta` *nomine* ma ressqet l-ebda prova fis-sens li hemm xi partijiet minn pajjiżi Ewropej li huma esklużi mill-polza. Anzi Joseph Cremona[6], id-direttur tal-Peak Insurance Brokers[7], xehed:

> *"Il-post fejn ta oriġini għall-każ odjern seħħ f' Stavropol, illi skont l-indikazzjonijiet li għandna, dan il-post huwa fil-Punent ta' muntanji urali illi hu konsidrat parti mill-Ewropa, u dan ġeografikament. Fil-fatt dan huwa inkluż fl-area 2 tat-Travel Policy, kemm ta' Gasan, kif ukoll ta' Millenium."*

24. Għalhekk in vista ta' dan kollu, dan l-aggravju jirriżulta ampjament infondat.

**"L-aggravji l-oħra"** *il-kredibbilita` o meno ta' kif ġara l-allegat akkadut*

25. Taħt din l-intestatura ("l-*aggravji l-oħra*") is-soċjeta` konvenuta *nomine* bażikament tpoġġi fid-dubju l-veraċita` tal-verżjoni tal-atturi: cioe` li insterqitilhom il-bagalja li kien fiha l-pelliċċja u ċ-ċurkett tad-djamanti meta kienu Stavropol. Issostni l-verżjoni dwar is-serqa mhix kredibbli (il-mertu tar-raba' aggravju), u li in oltre ma jistax jingħad li l-attur ħa l-prekawzjonijiet kollha raġonevoli biex is-serqa ma sseħħx (il-mertu tal-ħames aggravju, cioe` in-negliġenza).

---

[6] Xiehda mogħtija fl-20.11.2013, fol 106-107

[7] L-attur kien ħareġ iż-żewġ poloz (**travel insurance** li l-underwriter tagħha kienet GasanMamo; u l-**home insurance**, li underwriter tagħha kient Millenium għan-nom ta' Lloyd's) tramite Peak Insurance Brokers.

26. L-ewwel Qorti fil-fatt ċaħdet ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet.

27. Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn l-appell jissejjes fuq l-apprezzament zbaljat maghmul mill-ewwel Qorti, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat - Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jehtieg li din il-Qorti tifli mill-gdid il-provi ritenuti relevanti in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli.

28. Kwantu għall-kredibbilta` o meno tal-pretenzjoni attriċi, hija irriteniet li l-attur dejjem ikkollabora mas-soċjeta` konvenuta *nomine* u mal-medjatur tagħha li magħha tratta, għaliex qabel ma nħarġu l-poloz assikurattivi dejjem forna lill-istess bid-dokumentazzjoni mitluba. Irriteniet li kien biss wara li saret il-*claim* li ntalab dokumentazzjoni li qabel ma kinitx mitluba u kkummentat li mhux aċċettabbli "*li jbiddlu r-regolamenti f'nofs*

*logħba". Għalhekk ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni.*

29. Kwantu għall-kwistjoni dwar in-negliġenza l-ewwel Qorti qalet li "*fir-rigward tan-negliġenza tar-rikorrenti, għalkemm allegata mis-soċjeta` intimata, din ma ressqet l-ebda prova fir-rigward*" u konsegwentement irrespinġiet il-ħames eċċezzjoni.

30. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-verżjonijiet li taw l-atturi jidhrilha li dawn ma rnexxilhomx jippruvaw fuq bażi ta' probabbilta` li verament insterqulhom l-imsemmija oġġetti, u li jekk verament insterqulhom skont iċ-ċirkostanzi kif deskritti minnhom, dan allura kien riżultat ta' negliġenza imputabbli lilhom. Din il-Qorti ser tagħmel riferenza estensiva għall-verżjonijiet mogħtija mill-atturi dwar iċ-ċirkostanzi tal-allegata serqa (b'enfasi fir-rigward ta' ċertu partijiet).

31. Fl-affidavit tiegħu[8] l-attur qal li "insterqet" il-bagalja li kien fiha l-oġġetti in kwistjoni mingħajr ma ta dettalji:

> *"Sfortunatament* ***meta wasalna fil-belt ta' Stavropol (fejn jirrisjedu l-familjari ta' marti) fil-31 ta' Diċembru 2006 insterqet il-bagalja li fiha kien hemm, fost affarijiet oħra, il-49 inch Russian Barguzin Sable Coat u ċ-ċurkett tad-djamant****. L-oġġetti kienu jinsabu fil-luggage peress li fir-Russja ma tantx huwa rakkomandabbli li wieħed jiġri barra b'ċurkett tad-djamant għaliex jattira l-għajnejn.*
>
> "*Dwar dina s-serqa kont għamilt affidavit li kont għaddjetu lill-insurer. Kopja tal-imsemmi affidavit qiegħed jiġi hawn anness bħala Dokument TC2, u għal kull bwon fini nikkonferma l-kontenut tiegħu.*
>
> "*Marti kienet għamlet rapport mal-Pulizija tal-Belt ta' Stavropol dwar*

[8] Fol 85 et seq

*l-akkadut, u l-oriġinal tiegħu kif ukoll it-traduzzjoni relattiva kienet ġiet mgħoddija lill-insurance broker. Kopja tar-rapport bil-lingwa Ingliża jinsab esebit mar-rikors ġuramentat li ppreżentajt.”*

32. Fl-affidavit li huwa kien għamel għall-finijiet tal-*claim* tiegħu huwa daħal f' iktar dettall:

*“On the 31/12/2006 at around 7.30am my wife and I arrived at Stavropol City Russia on a train from Moscow. We disembarked with our luggage and walked out of the train station and found a spot which was relatively sheltered from the cold weather, put down our luggage, and my wife called for a taxi.*

“*My wife told me that the taxi would arrive after fifteen minutes or so and told me that she needed to go to the ladies room inside the station.*

“*This was at around 7.40am.*

“*Therefore I stayed alone to wait for the taxi, and all our luggage was with me.* ***We had two big luggages, two medium luggages, and a medium sized bag plus one small plastic bag.***

“*At around 7.50am I saw the taxi coming and the driver got out, and at the same time my wife came out of the station and came near us.*

“***We loaded the baggage in the car and drove to the home of my mother in law and arrived there at about 8.30am.***

“***We proceeded to unload our luggage and realized that one of the medium luggages was not in the car and realized that it had been stolen when I was waiting alone for the taxi.***

“***I am absolutely certain that this luggage was with me when I was waiting for the taxi since I personally took it off one of the big luggages to which we attach it for ease of carrying but which unbalances the big luggage and makes it fall over if it is left attached to it when stationary.***

“***I am also absolutely certain that no luggage was left behind at the train station since I personally checked this before we left the station.***

“*The taxi driver also told us that before we left the station he had taken a final glance to see that all the luggage was on board and confirmed that no luggage was on the floor.*

"*After discovering this theft we immediately went to the Stavropol Police Station and filed a report.*

"*I want to clarify that the police did not allow me to make the report since none of them spoke English and I do not speak Russian, so they instructed my wife who speaks Russian to file the report.*
*…"*[9]

33. Fix-xiehda li l-attur Tonio Cachia ta fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2014[10] huwa xehed hekk:

*"Nikkonferma li f'dan il-vjaġġ partikolari, jiena u l-mara tiegħi kellna ħames (5) valiġji.* ***Il-valiġja li nsterqitli kienet hand luggage normali ta' kulur iswed, li kienet tal-mara tiegħi. Kienet tal-materjal iebes.***

"*Nixtieq nikkonferma lill-Qorti illi* ***f'din il-hand luggage li nsterqitli kelli s-segwenti affarijiet:*** *coat tal-fur illi kien jiswa ħamest elef (5,000) Dollaru Amerikan, ċurkett tad-djamanti illi kien jiswa sbatax-il elf (17,000) Dollaru Amerikan, par imsielet tad-djamanti li l-valur tagħhom huwa inkluż ma' dak taċ-ċurkett li ndikajt qabel, libsa ta' filgħaxija tan-nisa tal-marka Roberto Cavalli elf u mitt (1,100) Dollaru, handbag tan-nisa….Dollaru, blazer tiegħi Valentino elf (1,000) Dollaru, qalziet tiegħi tmin mitt (800) Dollaru, kelli par żarbun ħames mija u ħamsin (550) Dollaru Amerikan u xi affarijiet oħrajn bil-****valur kumplessiv ta' sebgħa u għoxrin elf u ħamsin (27.050) Dollaru Amerikan.***

"*Mistoqsi x' kelli fl-erba' (4) valiġji oħrajn, ngħid illi kelli ħwejjeġ ta' kuljum, souvenirs għal omm il-mara u prodotti tipiċi Maltin biex neħduhom lill-familjari Russi tal-mara tiegħi.*

"*Mistoqsi għaliex kelli l-affarijiet prezzjużi f' bagalja waħda (1) ngħid illi għamilt hekk fuq suġġeriment tal-mara.*

"*Mistoqsi jekk il-hand luggage in kwistjoni li ntilfet kellhiex xi ħaġa differenti li tiddistingwiha mill-valiġji l-oħrajn, ngħid illi kienet bħall-oħrajn. Li kellha, kellha l-isem Samsonite miktub fuqha għaliex kienet il-bagalja tal-mara.*

*…*

"*Mistoqsi għaliex iċ-ċurkett, fost l-affarijiet l-oħra prezzjużi, ma nżammx fil-handbag f' idejn il-mara tiegħi, iżda tħalla fil-bagalja mal-bagalji l-*

[9] Il-kopja ta' dan l-affidavit li jinsab fil-proċess tidher li hija printout mill-computer u mhux kopja tal-oriġinal ghaliex mhix iffirmata; fuq dan l-istess affidavit hemm ukoll dikjarazzjoni da parti tal-attriċi fis-sens li taqbel mal-kontenut tiegħu, li ukoll ma fihiex firma stante li kif ingħad jidher li dan huwa printout. (Il-kontenut ta' dan il-printout pero` ġie ikkonfermat mill-attur permezz tal-affidavit li ppreżenta fl-atti tal-kawża)
[10] Fol 111 et seq

*oħra, ngħid illi l-mara hija Russa, issuġġeriet li nimxi b'dan il-mod u mxejt hekk. Nahseb iklli jekk wieħed iħalli xi ħaġa fil-handbag iktar faċli li tiġi xxibkat.*

*…*

"*Ħriġna mit-train station. Toħroġ fuq il-lemin kien hemm taxi stand u kien hemm canope li jiena ħsibtha bus stop. Poġġejna l-valiġji hemmhekk mal-art u aħna ħdejn il-bagalji. Il-mara tiegħi ċemplet lil tat-taxi. Infurmaha li kien ġej. Marret ġor-restroom tan-nisa. Wara xi kwarta rajt lil tat-taxi ġej u għamiltlu s-sinjal u morna fit-taxi.*

"*Il-valiġji mill-ferrovija ħriġnihom jiena u l-mara personalment.*

"***Jiena kont il-ħin kollu ħdejn il-valiġji li semmejt. Fl-ebda ħin ma ersaqat 'il bogħod mill-valiġji li kelli. Meta wasalna d-dar indunajna bis-serq u morna għand il-Pulizija nagħmlu rapport****.*

*…*

"***Jiena ċert illi meta tlajna fit-taxi minn fejn kont, kellna l-bagalji kollha.*** *Ma ħallejna xejn warajna u dan nafu għaliex il-mara kienet qed tirkeb quddiem, jiena kont wara. Meta ġejt biex nidħol tajt daqqa t' għajn. Rajt illi ma ħallejna xejn fuq il-bankina u dħalt fit-taxi.*

"***Meta ġejt biex nitlaq bit-taxi, rajt li l-bagalji kienu kollha fit-taxi. Tat-taxi kien qed jgħini bil-bagalji.***

"***Mistoqsi jekk qabel ma tlajt fit-taxi tajtx każ fejn kienet il-valiġja li fiha kelli b' sebgħa u għoxrin elf (27,000) Dollaru Amerikan f' oġġetti, ngħid illi ma tajt l-ebda każ partikolari fir-rigward. L-ambjent kien wieħed normali. Nies herġin mill-ferrovija.***
*…"*

34. It-traduzzjoni mir-Russu għall-Ingliż tar-rapport li l-attriċi għamlet mal-pulizija ta' Stavropol jaqra hekk:

*"Upon arrival at the Stavropol station we took out our luggage consisting of 5 travel bags and 1 plastic bag containing food and placed them next to the gaming club "Galaktika" on the side that faces the square of Stavropol station. At 7.40 I left for 10 minutes to the lavatory which is located on the platform of the Stavropol railway station.*

"*While I was absent, my husband was watching after our luggage. When I came back at 7.50am we placed the luggage in the taxi and travelled to my mother's home…….****After we arrived at the abovementioned address I discovered that one travel bag went missing****. However I was perfectly sure that all travel bags were in place while we were travelling on the train and when we have left the train. The missing bag was a black wheeled bag, made of plastic, whith top grab handle, and with "Samsonite" mark. The size of the bag was:*

> *width 50cm, length 25cm, height 50cm. In the bag there were my following belongings: a long sable coat having size M and branded Revillon, priced at USD 5000 (five thousand USD), a platinum 1.5 CT ring endowed with diamonds, priced at USD 17,000 (seventeen thousand USD) a pair of 0.5CT earrings (illegible) endowed with diamonds, priced together with the ring……. The total cost of the lost items was USD27,050…"*

35. Fl-ewwel lok ma jistax jiġi nnegat li hija kumbinazzjoni kbira li mill-ħames valiġji li l-atturi kienu qegħdin jivvjaġġaw bihom insterqet proprju dik li fiha kien hemm oġġetti li jiswew mas-$27,000.

36. Fit-tieni lok hija bil-wisq inkredibbli li minkejja li l-attur sostna li f'dik il-kwarta/għoxrin minuta sakemm wasal tat-taxi huwa kien għassa mal-valiġji u qatt ma resaq 'il bogħod minnhom, xorta insterqet il-valiġja in kwistjoni - cioe` l-valiġja l-"prezzjuża". Skont hu f'dak il-perjodu li huwa kien qed jistenna, huwa qala' din il-valiġja l-prezzjuża minn mal-valiġja l-kbira sabiex il-valiġja l-kbira ma tegħlibx. Wieħed allura jistaqsi:

- Fejn poġġa din il-valiġja l-prezzjuża meta qalagħha minn mal-valiġja l-kbira, jekk mhux eżatt quddiemu taħt il-mira t'għajnejh?

- U jekk kien hekk, kif allura insterqet?

37. Hija wkoll ferm inkredibbli li meta imbagħad wasal tat-taxi, la l-attur u lanqas l-attriċi ma ndunaw li kien hemm valiġġja nieqsa, addirittura l-

valiġja l-prezzjuża. L-attur anzi jsostni li kien assigura ruħu li ma ħallew l-ebda valiġja warajhom l-istazzjon, u li l-valiġji tgħabbew kollha. Wieħed allura jerga' jistaqsi kif setgħet insterqet il-valiġġja meta din qatt ma ħalliet il-pussess tal-attur u kien assigura ruħu li tpoġġiet fit-taxi mal-valiġġji l-oħra?

38. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti issib li l-verżjoni tal-atturi ma hija verosimili xejn, u ma inghatat ebda spjegazzjoni plawsibbli li tikkonvinċi lill-Qorti li l-atturi sofrew telf minħabba serqa u konsegwentement koperti bl-assikurazzjoni.

Anki jekk għal grazzja tal-argument wieħed jikkonċedi li l-atturi inspjegalment ġew misruqa dan iwassal biex jiġi meqjus l-aggravju l-ieħor tal-assikurazzjoni ċioe` in-nuqqas ta' diligenza tal-assikurat fil-kustodja tal-oġġetti li jgħid li nsterqulu oġġetti mingħajr ma jaf kif. Il-kawża Ingliża fl-ismijiet **Fraser v. Furmann**, (1967-2 Lloyd's Rep 1) Diplock L. J. stabbilixxa dak li sussegwentement ġie rikonoxxut bħala t-test klassiku ta' xi grad ta' negliġenza huwa rikjest sabiex l-assiguratur ikun jista' jiċħad ir-responsabbiltajiet li altrimenti kienu jinkombu fuqu taħt polza ta' assigurazzjoni:

*It is not enough that the … omission should be negligent; it must at least be reckless, that is to say made with actual recognition by the insured*

*himself that a danger exists, not caring whether or not it is averted. The purpose of this condition is to ensure that the insured will not refrain from taking precautions which he knows ought to be taken because he is covered against loss by the policy.*

Il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu li l-atturi ma jafux kif spiċċaw mingħajr il-pussess tal-validità tindika mhux biss negliġenza iżda addirittura aġir bla kont għal dak li kienu jafu huma possedimenti prezzjużi, fosthom ċurkett tad-djamanti. Il-Qorti tqis li kieku l-attriċi verament kienet diliġenti kienet iżżommu mistur b'mod sigur fuq il-persuna tagħha biex żgur tkun ċerta li ċ-ċurkett hu kustodit u mhux tpoġġih f'valiġġja.

Fl-Annual Report tiegħu ghas-sena 1985, l-**Insurance Ombudsman** fl-Ingilterra kien żviluppa s-segwenti kweżiti sabiex jistabbilixxi jekk kienx jissussisti kaz ta' ksur tal-obbligu ta' diliġenza:

*i. What was the value of the goods at risk?*

*ii. What was the reason for having them in the place form which they were stolen or the loss was suffered?*

*iii. What precautions were actually taken to safeguard them?*

*iv. Were there any alternatives open to the policyholder?*

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-atturi naqsu milli jirrispondu b'mod konvinenti

għal kweżiti b'mod li anki jekk seħħet is-serqa bil-mod inspjegabbli kif deskritt, li tpoġġi ċurkett tad-djamanti u pelliċja f'*hand luggage* wieħed kien ażżardat f'ċirkostanzi fejn l-atturi stess isostnu li l-belt ma kinitx sigura.

**DECIDE**

39. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tas-soċjeta` konvenuta *nomine*, fis-sens li tvarja s-sentenza appellata kif ġej:

- Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni (li l-azzjoni hija nulla għaliex ġiet proposta wkoll mill-attriċi meta hija ma kinitx parti fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni);

- Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tieni eċċezzjoni (li l-post fejn ġara l-akkadut ma kienx kopert bil-polza);

- Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tielet eċċezzjoni (li l-atturi kellhom jippruvaw li huma sidien tal-oġġetti u li tali oġġetti għandhom il-valur li għalih ġew assigurati) stante li ma tqajjem l-ebda aggravju fir-rigward;

- Tħassarha fil-kumplament; u għalhekk

- Tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni (li ċ-ċirkostanzi mhux kredibbli u verosimili);

- Tilqa’ l-ħames eċċezzjoni (li f’kull każ anke jekk l-akkadut seħħ, dan kien minħabba negliġenza u nuqqas ta’ kura da parti tal-attur Tonio Cachia bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-polza in kwistjoni).

- Tiċħad it-talbiet attriċi.

40. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti[11].

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[11] B’digriet tas-6 ta’ Ottubru, 2021 il-kelma “appellanti” fl-aħħar paragrafu ġiet mibdula biex taqra “appellati”.